# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 20**

**Rikors numru 859/20/1GM**

**Joseph Mizzi**

**v.**

1. **Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) fi ħdan il-Ministeru Għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali;**
2. **L-Onor Ministru Għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali;**
3. **L-Onor Ministru Għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji;**
4. **L-Onor Ministru Għall-Energija u l-Immaniġġjar tal-Ilma; u**
5. **L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur kontra sentenza ta' nhar is-27 ta' April 2023 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fir-rigward ta' azzjoni intavolata għall-finijiet tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-

ewwel, it-tielet, is-sitt u t-tmien talbiet attriċi, ċaħdet il-kumplament tat-talbiet tal-attur u lliberat lill-Ministru tal-Finanzi u Servizzi Finanzjarji u l-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali u lill-Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Daħla**

2. L-attur ressaq din l-azzjoni a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' rikors maħluf nhar it-28 ta' Settembru 2020. L-attur ġie mpjegat mal-Malta Electricity Board b'effett mill-1 ta' Frar 1965 (*fol.*9) u sussegwentement b'ittra datata t-22 ta' Lulju 1987 huwa ġie infurmat li b'effett mill-1 ta' Frar 1965 kellu jqis ruħu mpjegat tal-Korporazzjoni Enemalta (*fol.*10). Fl-1 ta' Frar 1989, wara 24 sena l-attur irriżenja mill-Korporazzjoni Enemalta *(fol.*11).

3. L-attur jgħid li fi żmien riċenti għal qabel il-ftuħ tal-kawża odjerna, tramite l-aħbarijiet, sar jaf illi numru ta' *ex* impjegati tal-Malta Electricity Board li wkoll kienu saru ħaddiema tal-Korporazzjoni Enemalta, ingħatatilhom pensjoni/gratwità tat-teżor abbażi ta' approvazzjoni tal-Kabinett, liema approvazzjoni kienet tmur lura għall-Marzu 1970 iżda li ma kienet ġiet attwata qatt. Hu sar jaf bil-kawża biċ-ċitazzjoni numru 846/2005SM fl-ismijiet Joseph Attard et v. Onorevoli Prim'Ministru ta' Malta et, liema kienet tirrelata ma' persuni li wkoll kienu *ex* impjegati tal-Malta Electricity Board u li kienu ressqu azzjoni fuq il-kwistjoni tal-

pensjoni. Wara li l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u wara li l-istess atturi appellaw minn dik is-sentenza ta' dik l-Ewwel Qorti, l-atturi ċedew il-kawża insegwitu għall-ftehim ta' tranżazzjoni. Il-proċess ta' dik il-kawża ġie allegat mal-atti tal-kawża odjerna kif anke rreġistrat fil-verbal tas-17 ta' Novembru 2020 (fol.43).

4. L-attur ħejja ittra indirizzata lid-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) datata d-9 ta' Mejju 2020 (*fol.*11) li bagħatha f'sura ta' *email* datata l-11 ta' Mejju 2020 (*fol.15)* jitlob li hu wkoll jibbenefika minn arretrati relatati mal-impjieg preċedenti tiegħu. Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, Grazio Barbara, permezz ta' *email* datata t-13 ta' Mejju 2020 (*fol*. 13), wieġeb <u>illi skont l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, Kapitolu 93 tal-Liġijiet ta' Malta</u>, meta persuna jirreżenja mis-servizz huwa ma jibqax eliġibbli li jirċievi pensjoni tas-servizz u dan skont ir-regolament 8 tal-Iskeda tal-istess Ordinanza.

5. F'*email* datata l-14 ta' Mejju 2020, l-attur jagħmel referenza għar-regolament 16 fl-iskeda tal-Kapitolu 93, u jsostni li dan għandu japplika fil-każ tiegħu:

> "*16. Jekk impjegat ma jkunx ikkwalifikat għal pensjoni jew gratifikazzjoni taħt ir-regolament 2, iżda jkun serva f'Malta għal żmien kontinwu ta' ħmistax-il sena jew iżjed, tingħata pensjoni ta'meta wieħed jirtira jew pensjoni mnaqqsa u gratifikazzjoni taħt l-istess ċirkostanzi, bl-istess rata u suġġetta għall-istess limiti bħal dik il-pensjoni li kien ikun eliġibbli għaliha li kieku kien impjegat f'kariga pensjonabbli.*"

6. Sussegwenti għal din l-*email*, l-attur bagħat *email* oħra fit-28 ta' Mejju 2020 u *email* oħra fil-11 ta' Ġunju 2020. Id-Direttur Ġenerali rrisponda għall-dawn l-*emails* permezz ta' *email* tal-15 ta' Ġunju 2020 (*fol.* 63) permezz ta' liema l-attur ġie nfurmat illi: "*A person qualfiies if he remains in his post until retirement and not in the case of termination of employment.*".

7. Wara din il-korrispondenza ġiet mibgħuta kemm ittra bonarja, datata s-26 ta' Ġunju 2020 (*fol.*17) u ġie ntavolat ukoll protest ġudizzjarju nhar it-23 ta' Lulju 2020 (*fol.*19) permezz ta' liema l-attur saħaq illi hu kien ħadem fis-servizz tal-Gvern ta' Malta għall-24 sena sħaħ u li kien qiegħed jiġi trattat b'mod diskiminatorju stante li hu ma ngħatax dik il-pensjoni/gratwità allegatament dovuta lilu. Permezz ta' kontro-protest intavolat nhar l-10 ta' Awwissu 2020 (*fol.*23) il-konvenuti wieġbu illi l-pagament *ex gratia* ġie mogħti lill-*ex* impjegati b'effett mid-data tal-irtirar tagħhom. Jagħmlu referenza għall-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 93 u jingħad illi kif jgħid l-istess artikolu persuna li rreżenjat qabel l-età tal-irtirar, kif għamel l-attur, mhux eliġibbli għall-pensjoni tas-servizz. Fl-istess kontro-protest jingħad illi ċ-ċirkostanzi tal-*ex* impjegati tal-Malta Electricity Board li ntavolaw il-kawża 846/2005SM u li waslu fi ftehim mal-Gvern, ma kinux l-istess bħal dawk tal-attur.

8. L-attur jgħid illi b'dan l-aġir ħassu li ġie trattat b'mod negattiv u diskriminatorju u dan meta kkomparat ma' persuni oħra li jgħid kienu fl-

istess sitwazzjoni tiegħu u li l-għemil amministrattiv imwettaq da parti tal-konvenuti jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan qed isir għal għanijiet mhux xierqa u/jew qed jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. L-attur jgħid illi ġew miksura, fil-konfront tiegħu d-drittijiet fundamentali hekk kif issalvagwardjati permezz tal-Artikolu ħamsa u erbgħin (45) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu erbatax (14) abbinat mal-ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

9. L-attur talab lill-Ewwel Qorti:

> "1) Tiddikjara u tiddeċiedi li d-deċiżjoni preċitata tad-Direttur Ġeneral (Sigurta' Soċjali) hija leżiva mid-drittijiet tal-esponent peress illi bid-deċiżjoni preċitata l-istess esponent qed jiġi trattat b'mod negattiv diskriminatorju fil-konfront ta' persuni oħra li ġja ġew akkordati dik il-pensjoni / gratwità in konnessjoni mal-impjieg tagħhom mal-Malta Etectricity Board u sussegwentement mal-Enemalta;
>
> 2) Tiddikjara u tiddeċidi li d-Direttur Ġeneral (Sigurta' Soċjali) qed jabbuża mill-poter tiegħu u qed jinqeda' b'raġunijiet frivoli u rrelevanti u diskriminatorji fir-rifjut li jaddivjeni biex jakkorda lill-esponent dik il-pensjoni / gratwità bħal ma ġew akkordati persuni oħra li kienu impjegati mal-Malta Electricity Board u sussegwentament mal-Enemalta;
>
> 3) Tiddikjara u tiddeċidi li d-deċiżjoni preċitata tad-Direttur Ġeneral (Sigurta' Soċjali) fejn qed jirrifjuta li jaddivjeni biex jakkorda lill-esponent dik il-pensjoni / gratwità bħal ma ġew akkordati persuni oħra li kienu impjegati mal-Malta Electricity Board u sussegwentament mal-Enemalta hija diskriminatorja, tikser il-provvedimenti tal-artikolu ħamsa u erbgħin (45) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu erbatax (14) abbinat mal-ewwel (1) artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u hija ultra vires u/jew mhux skont il-liġi;
>
> 4) Tiddikjara li l-istess deċiżjoni preċitata tad-Direttur Ġeneral (Sigurta' Soċjali) fejn qed jirrifjuta li jaddivjeni biex jakkorda lill-esponent dik il-pensjoni / gratwità li għaliha huma intitolati kull min kien impjegat mal-

Malta Electricity Board u sussegwentament mal-Enemalta hija għalhekk nulla, invalida u mingħajr effett;

5) Tiddikjara li minħabba ‘l fuq premess, il-konvenuti kkaġunaw danni fil-konfront tal-attur u li l-istess konvenuti huma responsabbli għal dawn id-danni hekk kaġunati;

6) Tillikwida dik il-pensjoni / gratwità bħal ma kien akkordat lill-persuni oħra li kienu impjegati mal-Malta Electricity Board u sussegwentament mal-Enemalta li għandha tiġi akkordata lill-esponent;

7) Tillikwida d-danni li l-konvenuti kkaġunaw lill-attur minħabba ‘l fuq premess;

8) Tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jakkordaw u jħallsu lill-esponent dik il-pensjoni/gratwità bħal ma kien akkordat lill-persuni oħra li kienu impjegati mal-Malta Electricity Board u sussegwentament mal-Enemalta hekk kif likwidata;

9) Tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jħallsu lill-attur dawk id-danni hekk likwidati minħabba ‘l fuq premess.”

10. Il-konvenuti ressqu flimkien is-segwenti eċċezzjonijiet:

“1. Preliminarjament jingħad li l-Onorevoli Ministru għall-Finanzi u s-Serrvizzi Finanzjarji, l-Onorevoli Ministru għall-Enerġija u 1-Immaniġjar tal-Ilma u l-Avukat tal-Istat mhumiex il-leġittimi kontradditturi fil-kawża odjema stante li dawn l-intimati mhumiex responsabbli għall-ħlas tal-pensjoni tas-servizz jew tal-gratifikazzjoni li jsir skont l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kapitolu 93 tal-Liġijiet ta' Malta). Barra minn hekk, ma kinux dawn l-intimati illi ħallsu l-pensjoni tas-servizz u l-gratifikazzjoni lill-ex-impjegati tal-Malta Electricity Board fil-ħlas tal-pensjoni tas-servizz u tal-gratifikazzjoni lill-ex-impjegati tal-Malta Electricity Board fil-fatt sar mill-Ministeru responsabbli għall-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali. Illi abbażi tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kap tad-dipartiment tal-gvern li huwa inkarigat fil-materja in kwistjoni ċertament mhuwiex il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji u lanqas il-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma jew 1-Avukat tal-Istat. Għaldaqstant, jirriżulta li ma kien jeżisti 1-ebda bżonn li l-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, il-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma u l-Avukat tal-Istat jiġu mħarrkin bħala intimati fil-proċeduri odjerni u għalhekk dawn għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkol1 in linea preliminari, l-esponenti jeċċepixxu li r-rikorrent għandu jispeċifika liema huma eżattament l-artikoli tal-liġi li fuqhom qiegħed jibbaża l-azzjoni odjerna u dan anki għaliex l-intimati qegħdin ikunu preġudikati meta jridu

jissottomettu eċċezzjonijiet għal azzjoni li mhijiex identifikata. Għalkemm fir-rikors promotur issir referenza għall-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, l-esponenti huma tal-umli fehma li r-rikorrent għandu jindika wkoll jekk l-ilment tiegħu jinkwadrax ruħu taħt is-sub-inċiż (1) (a) u/jew (1) (b) tal-artikolu 469A u jirriżervaw 1i jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ;

3. Bla ħsara għall-premess, ir-rikorrent donnu qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu abbażi tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u fl-istess nifs qiegħed jallega illi d-deċiżjoni meħuda mill-esponenti tikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, speċifikament dawk protetti mil-liġi taħt l-artikotru 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, klf ukoll l-artikolu 14 abbinat mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Fid-dawl ta' dawn 1-artikoli, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tħassar id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali fejn dan irrifjuta li jaddivjeni biex jakkorda l-pensjoni tas-servizz u l-gratifikazzjoni lir-rikorrent u tillikwida danni favur l-istess rikorrent. Konsegwentament:

i. It-talbiet tar-rikorrenti mhumiex proponibbli stante li r-rikorrenti qatt ma jista' jintavola kawża għall-stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u fl-istess nifs jitlob li d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew leżi abbażi tal-artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;

ii. Huwa paċifiku li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjaru taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, il-ksur li jista' jkun hemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta ma jirriferix għal ksur ta' xi wieħed mid-drittijiet maħsuba fil-Kapitolu IV tal-istess, u cioe' ksur ta' drittijiet fudamentali, imma għal xi ksur ta' xi dispożizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Settembru 2009);

iii. Ċertament din il-Qorti kif vestita fil-Ġurisdizzjoni Ċivili tagħha għandha l-jedd se mai li tisma' lanjanza ta' natura dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva imma qatt ma tista' taqta' u tiddeċiedi illi xi drittijiet fundamentali ta' persuna ġew leżi stante illi din il-funzjoni tispetta bil-liġi lill-Qrati li għandhom funzjoni ta' natura Kostituzzjonali;

iv. L-esponenti qegħdin jagħmluha ċara li permezz ta' din l-eċċezzjoni huma mhumiex qegħdin jisħqu li l-azzjoni tar-rikorrent għandha tiġi milquta b'nullita'. Madanakollu, jeċċepixxu li in kwantu l-proċeduri odjerni mhumiex proċeduri istitwiti a tenur tal-artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċiedi dwar ilmenti ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-16 ta'

Jannar 2018 fl-ismijiet Charles Cini vs Il-Prim Ministru et). Għalhekk, fid-dawl ta' dan l-esponenti umilment jeċċepixxu li din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u tat-tielet talba magħmula fir-rikors promotur;

4. Fil-mertu, qiegħed jiġi spjegat li lura fl-10 ta' Marzu tas-sena 1970, il-Kabinett kien irrakkomanda li titwaqqaf skema ta' pensjoni għal dawk l-impjegati li kienu jaħdmu mal-Malta Electricity Board, liema skema kellha tkun simili għal dik pertinenti lill-ħaddiema tal-Gvern. Peress li l-approvazzjoni uffiċjali tal-Prim Ministru dwar din l-iskema baqgħet ma ngħatatx għal aktar minn erbghin sena, numru ta' ex-impjegati tal-Malta Electricity Board, b'eskuzjoni tar-rikorrent, kienu fetħu kawża kontra l-Prim Ministru, il-Ministru tal-Finanzi, il-Ministru għall-Investiment, Industrija u Informatika u l-Korporazzjoni Enemalta fejn talbu lill-Qorti tordna lill-konvenuti f'dik il-kawża biex jimplimentaw din l-iskema ta' pensjoni. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, perrnezz tas-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2012 fi-ismijiet Joseph Attard et vs Onorevoli Prim Ministru ta' Malta, bir-rikors numru 846/2002 SM, kienet iddikjarat li din l-azzjoni kienet preskritta ai termini tal-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili;

5. L-atturi fil-kawża ċitata fil-paragrafu preċedenti interponew appell minn din is-sentenza. Madankollu, fis-7 ta' April 2077, is-Segretarju Permanenti Ewlieni bagħat jinforma lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali li l-Prim Ministru kien approva r-rakkomandazzjoni tal-Kabinett li tiġi implimentata din l-iskema ta' pensjoni għal dawk l-ex-impjegati tal-Malta Electricity Board li sussegwentament ġew assorbiti mill-Korporazzjoni Enemalta. Skont is-Segretarju Permanenti Ewlieni din il-pensjoni tas-servizz kellha tingħata lilhom ex gratia ai termini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kapitolu 93 tal-Liġijiet ta' Malta) b'effett mid-data tal-irtirar rispettiva tagħhom. Fil-fatt, din l-iskema ta' pensjoni bdiet tiġi implimentata fis-sena 2017, u fid-dawl ta' dan, l-appell hawn fuq imsemmi ġie ċedut;

6. Ir-rikorrent Joseph Mizzi, permezz ta' ittra datata 9 ta' Mejju 2020 u ta' email datata 11 ta' Mejju 2020, talab lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali biex huwa wkoll jirċievi l-pensjoni tas-servizz u l-gratifikazzjoni li ngħatat lill-bqija tal-ex-impjegati tal-Malta Electricity Board. Għandu jiġi spjegat li r-rikorrent Joseph Mizzi ġie impjegat mal-Malta Electricity Board fl-1 ta' Frar 1965 u sussegwentament huwa ġie trasferit mal-Korporazzjoni Enemalta mal-inkorporazzjoni tagħha. Huwa rriżenja mill-impieg tieghu mal-Enemalta fl-1 ta' Frar 1989 sabiex jibda impjieg ieħor fis-settur privat;

7. In vista ta' dan, wara li evalwa d-dokumenti li ġew mgħoddija lilu mir- rikorrent, id-Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali, permezz ta' emails datati 13 ta' Mejju 2020 u 15 ta' Ġunju 2020, informa lir-rikorrent li riżenja mis-servizz tiskwalifika persuna milli tkun eliġibbli għall-pensjoni tas-servizz u li biex wieħed ikun eliġibbli għall-pensjoni tas-servizz dan irid ikun baqa' fis-servizz sal-ġurnata tal-irtirar tiegħu;

8. Fir-rikors promotur, ir-rikorrent jagħmel referenza għar-regolament 16 tal-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet li jagħmlu parti mill-Iskeda għall-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u jargumenta li huwa jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-regolament peress li huwa għamel aktar minn ħmistax-il sena impjegat fis-servizz. Madankollu, fir-rigward ta' dan, l-esponenti umilment jeċċepixxu li dan ir-regolament ma jistax jinqara f' iżolament. Infatti, skont dan ir-regolament, dak provdut fl-istess regolament jidħol fis-seħħ biss jekk impjegat ma jkunx ikkwalifika għal pensjoni jew gratifikazzjoni taħt ir-regolament 2 tal-istess Skeda;

9. Ir-regolament 2, hawn fuq imsemmi, jaqra kif ġej: "Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, iżjed 'il quddiem imsejħa l-Ordinanza, u ta' dawn ir-Regolamenti, lil kull uffiċjal li għandu kariga pensjonabbli f'Malta u li jkun ilu fis-servizz ta' Malta f'kariga ċivili għal għaxar snin jew iżjed, tista' tingħata pensjoni bir-rata ta' waħda minn ħames mija u erbgħin tal-ħlas tiegħu pensjonabbli għal kull xahar sħiħ ta' servizz pensjonabbli, suġġetta għall-limtazzjoni msemmijia fl-artikolu 10 tal-Ordinanza";

10. Għaldaqstant, in vista ta' dak li jistipulaw ir-regolamenti numru 2 u 16, huwa evidenti li dawn ir-regolamenti ma jistgħux jinqraw in vacuo; iżda għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' dak li tipprovdi l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet. Infatti, l-artikolu 7 tal-istess Ordinanza jistipula b'mod mill-aktar ċar li ebda pensjoni, gratifikazzjoni jew allowance oħra ma għandha tingħata lill-ebda uffiċjal ħlief meta dan jirtira mis-servizz pubbliku f'waħda mill-każijiet imsemmija fis-sub-inċiż (1) tal-istess imsemmi artikolu;

11. Ġialadarba r-rikorrenti ma rtirax minn mal-Korporazzjoni Enemalta u lanqas ma jissodisfa mqarr waħda mill-kriterji elenkati fl-artikolu 7 tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, huwa ma jistax jippretendi l-ħlas ta' pensjoni jew gratifikazzjoni skont din l-Ordinanza;

12. Għalhekk id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali li r-rikorrent mhuwiex eliġibbli għall-pensjoni tas-servizz u l-gratifikazzjoni skont l-Ordinanza dwar l-Pensjonijiet kienet waħda raġjonevoli, intra vires, mhux abbużiva, legali u msejsa fuq kunsiderazzjonijiet relevanti u għalhekk ma sar l-ebda ksur jew vjolazzjoni tal-liġi fuq din il-vertenza;

13. Ir-rikorrent lanqas huwa korrett meta jallega li huwa qiegħed jiġi trattat b'mod negattiv u diskriminatorju fil-konfront ta' persuni oħra li diġa' rċivew il-pensjoni tas-servizz jew gratifikazzjoni in konnessjoni mal-impjieg tagħhom mal-Malta Electricity Board u sussegwentament mal-Enemalta, u dan peress li kif sejjer jiġi trattat f'din il-kawża, dawn il-persuni lkoll kemm huma rtiraw, fis-servizz mal-Korporazzjoni Enemalta. Għalhekk, iċ-ċirkostanzi tar-rikorrent huma ferm differenti minn dawk tal-ex-impjegati tal-Malta Electricity Board li rċivew il-pensjoni tas-servizz jew il-gratifikazzjoni;

14. Fir-rigward tal-lanjanzi għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, l-esponenti diġa' rrilevaw estensivament illi din il-Qorti m'għandhiex tikkonsidra dawn il-lanjanzi u dan minħabba r-raġunijiet surreferiti fl-eċċezzjonijiet preliminari. Madankollu dato ma non concesso li din il-Qorti tiċħad dawn 1-eċċezzjonijiet, l-
esponenti qegħdin jagħmlu s-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward ta' dawn il-lanjanzi:

i. Fir-rigward tal-allegat ksur ta1-artikoli 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 14 taL-Konvenzjoni Ewropea, u cioe' l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti jrid juri li huwa ġie trattat b'mod żvantaġġjat meta mqabbel ma' persuni fl-istess sitwazzjoni tiegħu u cioe' persuni li ma jkunux irtiraw mis-servizz skont ma jistipula l-artikolu 7 tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet. Illi fi kwalunkwe każ ma saret l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent, u dan għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafu 13 ta' din ir-risposta;

ii. Fir-rigward tal-allegat ksur tal-artikotru 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, ir-rikorrent mhuwiex qiegħed jiġi mċaħħad mit-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu, għaliex kif spjegat tajjeb fil-paragrafi 8, 9, 10 u 11 ta' din ir-risposta, jirriżulta li r-rikorrent mhuwiex eliġibbli għall-pensjoni tas-servizz u l-gratifikazzjoni skont l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet. Tabilħaqq, ir-rikorrent qatt ma jista' jiġi mċaħħad minn "possediment" li fil-fatt huwa qatt ma kellu u li ma għandu l-ebda jedd għalih;

15. In kwantu ta' dak li r-rikorrent qiegħed jitlob bħala rimedju fis-sitt u t-tmien talbiet tiegħu, l-esponenti jeċċepixxu li din il-Qorti ma tistax tagħti tali rimedju, u dan peress li f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju l-Qorti hija prekluża milli tagħti rimedju iżda hija limitata biex tordna li tħassar id-deċiżjoni in kwistjoni, u dan stante li l-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tieħu d-deċiżjoni flok l-awtorità kompetenti. Se mai, f'każ li l-Qorti tiddeċiedi illi tħassar id-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali, il-kwistjoni għandha tiġi rimessa mill-ġdid lilu sabiex, jagħti direzzjoni mill-ġdid fid-dawl ta' dak li jkun ġie kkunsidrat mill-Qorti.

16. In vista ta' dak hawn fuq premess, il-ħames, is-seba' u d-disa' talbiet tar-rikorrent ma jistgħux jiġu milqugħa. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent ma jagħati l-ebda spjega ta' x'inhuma d-danni li qiegħed jgħid li ġarrab u wisq anqas jipprova jikkwantifikahom. Fit-tieni lok, m'hemm l-ebda ness ta' kawżalita' bejn l-aġir tal-esponenti u d-danni pretiżi mir-rikorreni. Fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ai termini tas-sub-inċiż (5) tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, annullament ta' att amministrattiv kommess minn awtorità pubblika ma jwassalx għal għoti ta' danni sakemm ma jiġix ippruvat illi l-awtorità pubblika aġixxiet in male fede jew b'mod irraġjonevoli. Kif spjegat aktar 'il fuq, dan ċertament mhuwiex il-każ.”

11. L-attur ippreżenta affidavit (*fol.*59 *et.seq.)* permezz ta' liema rriproduċa l-fatti suesposti.

12. L-Ewwel Qorti ddeċidiet is-segwenti:

> "1) tillibera lil l-Ministru tal-Finanzi u Servizzi Finanzjarji u l-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali u lill-Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> 2) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel, it-tielet, is-sitt u t-tmien talbiet.
>
> 3) tiċħad it-talbiet l-oħrajn tal-attur.
>
> Spejjeż a kariku tal-attur."

U għamlet dan abbażi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Irriżulta waqt il-proċess li l-Ministru tal-Finanzi u Servizzi Finanzjarji u l-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma ma kellhom x'jaqsmu xejn mad-deċiżjoni li r-rikorrent qiegħed jattakka u għalhekk sejrin jiġu meħlusin mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> Il-ħlas lill-ex-impjegati tal-MEB sar mill-Ministeru responsabbli għall-Familja u Solidarjeta` Soċjali. Abbażi tal-Art. 181B tal-Kap 12, għandu jitħarrek il-kap tad-dipartiment tal-gvern ikkonċernat, u mhux il-Ministru. Għalhekk lanqas il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali ma huwa leġittimarju passiv.
>
> U billi rriżulta li d-deċiżjoni twettqet mid-Direttur Ġenerali (Sigurta` Soċjali) fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjieta` Soċjali, ma hemm l-ebda ħtieġa li jitħarrek l-Avukat tal-Istat u għalhekk dan ukoll m'għandux iwieġeb għall-ilment tal-attur.
>
> Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.
>
> B'riferenza għat-tieni eċċezzjoni, għalkemm l-attur ma semmiex fuq liema disposizzjonijiet tal-Art. 469A qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu, jidher mill-premessi u t-talbiet tar-rikors maħluf li dawn huma s-subinċiżi (1)(a), (1)(b)(iii) u (1)(b)(iv).
>
> Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza li s-subinċiż (1)(a) ma japplikax għal ksur ta' jeddijiet fundamentali iżda biss għal ksur ta' disposizzjonijiet oħrajn tal-Kostituzzjoni ta' Malta[1]. Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-tielet

eċċezzjoni billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u t-tielet talba tal-attur.

1 Christopher Hall v Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali 18.09.2009 Qorti Kostituzzjonali.

F'materja ta' stħarriġ ġudizzjarju l-Qorti għandha kompetenza ta' kassazzjoni; hija tħassar kull deċiżjoni amministrattiva li ma tkunx inħarġet kif imiss iżda ma tistax tieħu deċiżjoni hi minflok l-awtorita` kompetenti. Tista' biss tagħti direzzjoni biex l-awtorita` kompetenti tqis mill-ġdid id-deċiżjoni li tkun ġiet imħassra fid-dawl tal-kunsiderazzjonijet tal-Qorti. Għalhekk m'huwiex fil-*vires* ta' din il-Qorti li tikkunsidra r-rimedju mitlub fis-sitt u tmien talbiet u għalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-ħmistax-il eċċezzjoni billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom.

L-isfond fattwali li ta lok għal din il-kawża kien dan: Għadd ta' ex-impjegati tal-Malta Electricity Board ("MEB") u li ġew trasferiti mal-Korporazzjoni Enemalta ("KE") meta l-MEB ġiet assorbita fiha fetħu kawża bit-talba li jingħataw pensjoni tat-teżor. Din il-Qorti diversament ippreseduta ċaħditilhom it-talba għaliex kienet preskritta. Huma appellaw iżda ċedew l-appell billi aċċettaw deċiżjoni tal-Gvern li jwettaq deċiżjoni antika tal-Kabinett ta' madwar 40 sena qabel u li kienet baqgħet fuq l-ixkaffa. Id-deċiżjoni kienet li l-ex-impjegati tal-MEB jitqiesu, għall-fini ta' pensjoni, bħallikieku kienu impjegati taċ-ċivil u jingħataw *ex gratia* kumpens ekwivalenti.

Irriżulta bħala fatt li kull ex-kollega tal-attur li ngħata l-pensjoni *ex gratia* temm l-impjieg tiegħu meta laħaq l-eta` tal-irtirar u min kien irriżenja minn jeddu ma ħa xejn – fosthom nisa li kellhom jirriżenjaw bilfors skont il-liġi (sfaċċatament diskriminatorja!) ta' dak iż-żmien meta żżewġu.

L-attur ma kienx parti fil-kawża msemmija. B'danakollu huwa wkoll kien impjegat mal-MEB (sa mill-1 ta' Frar 1965) u ġie trasferit mal-KE u għalhekk l-attur kompla l-impjieg tiegħu magħha. Huwa rriżenja fl-1 ta' Frar 1989 wara 24 sena servizz kontinwu.

L-attur talab li huwa wkoll jingħata l-pensjoni tat-Teżor iżda t-talba tiegħu ġiet miċħuda. L-attur oġġezzjona għal din iċ-ċaħda. Saħaq li huwa għamel ferm iktar mill-15-il sena servizz meħtieġa mir-Regolament Nru. 16 tar-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet li jinstabu fl-Iskeda tal-Kap 93 biex wieħed ikun intitolat għal pensjoni. It-tweġiba kienet li dan ir-regolament ma jistax jinqara waħdu iżda flimkien mar-Regolament Nru. 8 li jgħid li s-servizz li jintitola l-pensjoni m'għandux ikun ġie mitmum permezz ta' riżenja volontarja. Il-Qorti ssib li din l-interpretazzjoni tal-liġi hija waħda ġusta. Barra minn hekk, il-Qorti tosserva li Art. 7 tal-liġi prinċipali jgħid li l-ebda pensjoni m'għandha tingħata mal-irtirar mis-servizz pubbliku ħlief f'xi waħda mill-każijiet elenkati fl-istess disposizzjoni. Ir-riżenzja volontarja mhix waħda minn dawn il-każijiet. L-interpretazzjoni loġika ta' din id-disposizzjoni

twassal għall-konklużjoni li *a contrario sensu* min jirriżenja ma jistax ikun intitolat għall-pensjoni *de quo.* L-Art. 7 jinstab fil-korp prinċipali tal-liġi; ir-regolamenti jinstabu fl-Iskeda li tinstab mal-istess Att. L-Iskeda ma tistax tmur kontra l-Att u dan mhux biss bħala prinċipju kardinali tal-interpretazzjoni tal-liġi imma saħansitra kif jingħad espressament fl-istess Regolamenti. Dan apparti li l-istess Regolamenti (Reg. 8) ukoll jagħmluha ċara li min jirriżenja jitlef id-dritt għall-pensjoni. Anzi, r-Reg. 8 jafferma b'mod pożittiv dak il-liġi prinċipali (Art. 7) tafferma biss b'mod negattiv.

Għalhekk, sewwa ġie deċiż illi, kieku għall-attur kienet tapplika l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, ma kienx ikun intitolat għall-pensjoni tat-Teżor għaliex is-servizz tiegħu ma ntemmx bl-ilħuq tal-eta` tal-irtirar iżda bir-riżenzja volontarja tiegħu. Għalhekk id-deċiżjoni ma ttiħditx fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti (subinċiż (1)(b)(iii)).

Lanqas jirriżulta li d-deċiżjoni ttieħdet għal għanijiet mhux xierqa (subinċiż (1)(b)(iii)) jew kontra l-liġi (subinċiż (1)(b)(iv)). Anzi, d-deċiżjoni kienet waħda sana u ġusta. Li kieku kellha tintlaqa' t-talba tal-attur, kien jingħata benefiċċju ex gratia li lanqas dawk l-impjegati jew uffiċjali li jaqgħu taħt l-Ordinanza tal-Pensjonijiet ma jikkwalifikaw għaliha skont id-disposizzjonijet ta' dik il-liġi. Id-deċiżjoni amministrattiva de quo ġustament kienet limitata biex tirrettifika anomalija, u mhux biex toħloq waħda ġdida.

Fil-mori tal-kawża, viċin it-tmiem tas-smigħ tagħha, l-attur esebixxa artiklu li deher fuq sit elettroniku fit-29 t'April 2022 u ċjoe` ferm wara li fetaħ il-kawża. L-artiklu jiċċita t-tħabbir minn Ministru partikolari ta' diversi skemi biex jagħmlu tajjeb għal varji tipi ta' inġustizzji. Bir-rispett kollu, l-Qorti ma tistax tifhem ir-rilevanza tagħhom. Dan apparti li nħarġu wara d-deċiżjoni li l-attur qiegħed jattakka, u saħasitra wara li fetaħ il-kawża. L-ilment tiegħu huwa bbażat fuq deċiżjoni amministrattiva partikolari relatata ma' ex-impjegati tal-MEB u dawn l-iskemi m'għandhom x'jaqsmu xejn magħha. Il-Qorti trid toqgħod għal-limiti tal-premessi u t-talbiet tar-rikors promotur u ma tistax tistatuwixxi extra petita."

13. L-attur <u>intavola dan l-appell</u> nhar il-25 ta' Mejju 2023. Ġiet intavolata risposta għan-nom tal-konvenuti nhar it-28 ta' Ġunju 2023. Il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant u r-risposta tal-appellati.

14. L-appell tal-attur huwa msejjes fuq tliet aggravji permezz ta' liema huwa, in suċċint, jilmenta li jħossu aggravat mill-fatt li (i) l-Ewwel Qorti

kienet żbaljata meta ddeċidiet li s-subinċiż (1)(a) tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 ma japplikax għad-dispożizzjonijiet fil-Kostituzzjoni li jissalvagwardjaw il-jeddijiet fundamentali tal-bniedem iżda japplika biss għal ksur ta' dispożizzjonijet oħrajn tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-attur jibni argument fejn jagħmel paragun bejn it-test tas-subinċiż (1)(a) tal-Artikolu 469A kif propost fil- Mozzjoni Numru 98 tal-Parlament Malti li jaqra "*meta l-għemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni jew kull liġi oħra jew ikun ultra vires*" mat-test viġenti li jaqra "*meta l-għemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni*" u l-attur jgħid li dan juri li kienet l-intenzjoni tal-leġiżlatur ill referenza għall-Kostituzzjoni tinkludi wkoll referenza għad-drittijiet fundamentali. Jgħid illi l-Artikolu 45 jipprovdi li persuna ma għandhiex tiġi ddiskriminata iżda l-attur ġie ddiskriminat, u li xhieda ta' dan huwa n-numru ta' skemi li nħolqu. In suċċint jgħid illi l-*ex* impjegati tal-Malta Eletricity Board ma kinux intitolati għall-pensjoni u ma kinux uffiċjali pubbliċi. Jgħid li l-ebda persuna impjegata mal-Enemalta ma tkun uffiċjal pubbliku u li b'hekk l-atturi kollha tal-kawża biċ-ċitazzjonu numru 846/2005SM fl-ismijiet Joseph Attard et v. Onorevoli Prim' Ministru ta' Malta et fil-verità ma kienx ħaqqhom jieħdu tali pensjoni. Jgħid li la dawk il-persuni ma kellhomx dritt għall-pensjoni huma kienu eżattament fil-pożizzjoni tal-esponent u li b'hekk huwa ċar illi l-Gvern u/jew l-amministrazzjoni ħolqu skema bil-għan li jagħtu pensjoni/gratwità sostanzjali u dan fil-waqt li l-attur baqa' jiġi ddiskriminat (**L-Ewwel Aggravju**). (2) Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-attur jargumenta illi b'referenza għar-regolament 8 u 16 fl-iskeda tal-Ordinanza huwa ċar li

huwa għamel aktar minn ħmistax-il sena jaħdem mal-Enemalta billi dam 24 sena. L-attur jargumenta li dan xehdu fl-affidavit tiegħu li ma ġiex ikkontestat u b'hekk il-kontenut ta' dan l-affidavit għandu jiġi meħud bħala fatt. Jgħid u dan b'referenza għall-kawża 846/2005SM li l-atturi ta' dik il-kawża transiġew biss bl-intervent politiku ta' l-Onor. Ministru tal-Finanzi Edward Scicluna. Jerġa' jargumenta illi l-ebda mill-persuni li gawdew mill-iskemi maħruġa ma kienu eliġibbli għall-pensjoni skont l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u li l-Ewwel Qorti kienet skoretta meta saħqet illi min jirreżenja jitlef id-dritt għall-pensjoni. Jgħid li l-Artikolu 7 tal-Ordinanza mhux relevanti għall-każ odjern (**It-Tieni Aggravju**). (iii) Fir-rigward tat-tielet aggravju, l-attur jisħaq illi peress li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet it-talbiet tal-attur, ma missux weħel l-ispejjeż hu (**It-Tielet Aggravju**).

15. Il-konvenuti, in suċċint, wieġbu illi (i) fir-rigward tal-Ewwel Aggravju, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta saħqet illi azzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 469A ma tistax tkun imsejsa fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif imħarsa bil-Kostituzzjoni u dan tenut kont il-każistika hekk kif żviluppat matul iż-żmien. Konsegwentement kwalunkwe azzjoni fejn jiġi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali għandha titressaq b'rikors skont l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jew 4(1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. (ii) Fir-rigward tat-Tieni Aggravju, il-konvenuti jgħidu li dan jirrigwarda l-interpretazzjoni korretta tal-Kapitolu 93. Jgħidu li jaqblu mal-Ewwel Qorti u li l-Kapitolu 93 irid jinqara b'mod olistiku. Li fl-aħħar

mill-aħħar l-atturi fil-kawża 846/2005SM kienu ħaddiema tal-Enemalta mal-intavolar tal-kawża 846/2005SM jew irtiraw mis-servizz. Jgħidu li d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali kien awtorizzat jieħu d-deċiżjoni li ta fil-konfront tal-attur u b'hekk dan ma marx kontra l-Artikolu 469A(1)(b)(i). Illi d-Direttur Ġenerali ma kienx rikjest jimxi ma' xi proċedura u b'hekk l-azzjoni tiegħu kif meħuda ma kinitx bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii). Illi d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali kienet korretta u ma kien hemm l-ebda abbuż ta' poter, kien hemm biss implimentazzjoni imparzjali u spassjonata ta' dak imsemmi fil-liġi u b'hekk anqas ġew miksura is-subinċiżi 469A(1)(b)(iii) jew (iv). (iii) Fir-rigward tat-Tielet Aggravju, jingħad biss illi dan huwa konsegwenzjali.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

16. Din il-Qorti tosserva li għalkemm il-konvenuti ressqu risposta tal-appell waħda, huwa d-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali biss li ma kienx illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju u li kellu jwieġeb għal dan l-appell.

17. Din il-Qorti tikkonsidra illi huma tnejn il-kwistjoni li għandhom jiġu mistħarrġa fil-vertenza odjerna u li sejrin jiddeterminaw l-appell tal-attur (i) jekk il-Prim Awla bħala Qorti Ċivili ordinarja għandhiex tiddetermina seħħitx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-attur meta tiġi mressqa

azzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 469A u (ii) jekk persuna li telqet mis-servizz għandhiex dritt għall-pensjoni skont l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet.

***L-Ewwel Aggravju***

18. Illi l-Ewwel Aggravju huwa mibni fuq żewġ binarji. L-ewwel li s-subinċiż 1 (a) 469A kien intiż biex jolqot ukoll ksur ta' dawk id-drittijiet fundamentali hekk kif imħarsa fil-Kostituzzjoni ta' Malta u li fil-mertu l-attur soffra inġustizzja stante li kien iddiskriminat u li konsegwentement l-aġir tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta Soċjali, kien bi ksur tal-istess subinċiz in kwistjoni peress li kien bi ksur tad-drittijiet tiegħu hekk kif imħarsa bl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 u l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

19. Jiġi osservat illi għalkemm it-talba tal-attur hija msesja fuq allegat ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 u l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 469A jagħmel referenza biss għall-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk din il-Qorti għandha biss tistudja tistax titressaq azzjoni ta' natura ordinarja fil-konfront tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni biss stante li l-Artikolu 14 u l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jaqgħu barra mill-parametri tal-artikolu 469A tal-Kap 12. Dan donnu huwa wkoll rikonoxxut mill-attur stante li ffoka l-aggravju tiegħu fuq l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

20. Indirizzat is-suespost, fir-rigward tal-kweżit quddiemha, u ċjoè **jekk azzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 469A tal-Kap 12** għandhiex tikkomprendi stħarriġ ta' ksur tad-drittijiet fundamenali hekk kif issalvagwardjati permezz tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hija l-fehma ta' din il-Qorti li teżisti ġurisprudenza assodata illi din it-tip ta' azzjoni ma tikkomprendix stħarriġ ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali issalvagwardjati permezz tal-Kostituzzjoni. Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Dr. Frank Portelli M.D., FRDC v. Dr Josella Farrugia** et deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar id-19 ta' Lulju 2019[1], fejn il-Qorti tal-Appell saħqet:

> "34. Illi fit-tieni lok, il-Qrati wrew li huma disposti li jikkonsidraw ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali f'każ fejn m'hemmx rimedju ieħor. Is-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorità pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdieni li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha [12 App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.377**)]
>
> 35. Illi fit-tielet lok, il-Qorti tqis li l-azzjoni "ordinarja" ta' stħarriġ ġudizzjarju u dik **straordinarja ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali ma jmorrux flimkien**. Il-Qrati tagħna diġa' stħarrġu l-kwestjoni u kienu ġeneralment ċari dwarha [ Ara Kost 18.9.2009 fil-kawża fl-ismijiet Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment Għall-Akkomodazzjoni Soċjali et]. Din il-Qorti għalhekk tifhem li l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ma qisitx l-imsemmija talbiet, u forsi bla ma qalitha, kienet qed tifhem li dawk it-talbiet ma kienx posthom hemm. Għalhekk, din il-Qorti ssib li meta l-ewwel Qorti rabtet lill-appellat bl-ispejjeż ta' dawk it-talbiet, kienet qiegħda tagħmel dak li kellu jsir, b'mod partikolari fejn parti f'kawża tressaq talbiet li ma kinux meħtieġa

[1] App. Civ. 1110/09

> fl-għamla ta' kawża li fiha jitressqu [App. Ċiv. 5.6.1967 fil-kawża fl-ismijiet Scicluna vs Meli et (Kollez. Vol: LI.i.365)]"

21. Jingħad illi din il-Qorti rat l-argumenti magħmula mill-attur fl-aggravju mressaq minnu madankollu din il-Qorti ma tħossx li ġie propost xi argument li jista' jwassalha sabiex tmur lura minn dak paċifiku u li ilu paċifiku minn qabel ma l-attur intavola din l-azzjoni. Konsegwentement, din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddisturba dak li kkunsidrat l-Ewwel Qorti:

> "Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza li s-subinċiż (1)(a) ma japplikax għal ksur ta' jeddijiet fundamentali iżda biss għal ksur ta' disposizzjonijiet oħrajn tal-Kostituzzjoni ta' Malta [Christopher Hall v Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali, 18.09.2009, Qorti Kostituzzjonali] Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-tielet eċċezzjoni billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u t-tielet talba tal-attur."

22. Dan ifisser ukoll li ma għandux jiġi mistħarreġ jekk l-attur safax iddiskriminat, bi ksur anke tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, stante li dan mhux il-forum appożitu. Dan l-aggravju qiegħed b'hekk jiġi miċħud.

### *It-Tieni Aggravju*

23. Sabiex jiġi determinat dan it-Tieni Aggravju jmiss li jiġi studjat it-tieni kweżit u ċjoè jekk fil-każ li persuna titlaq mis-servizz qabel l-età tal-irtirar tibqax eliġibbli għall-pensjoni skont l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet. Dan jiddetermina wkoll jekk id-Direttur Ġenerali għamilx interpretazzjoni korretta tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet meta dan irrifjuta t-talba tal-attur stante li l-istess attur ma kienx għadu jaħdem mal-Enemalta fid-data

tal-irtirar tiegħu mix-xogħol bl-età.

24. Din il-Qorti tosserva illi meta l-attur ħalla l-impjieg tiegħu minn mal-Korporazzjoni Enemalta fl-1 ta’ Frar 1989, wara 24 sena ta’ servizz *(fol.*11), huwa jidher li kellu 44 sena.

25. Il-Qorti tosserva illi l-attur jargumenta illi dawk l-atturi tal-kawża biċ-ċitazzjoni numru 846/2005SM fl-ismijiet Joseph Attard et v. Onorevoli Prim' Ministru ta' Malta et ma kinux eliġibbli li jirċievu pensjoni jew gratwità u jgħid li b’hekk la dawn il-persuni ma kienx ħaqqhom jieħdu pensjoni qegħdin fl-istess pożizzjoni tiegħu u konsegwentement hu ser jiġi ddiskriminat jekk ma jingħatax pensjoni bħalma ħadu huma. L-attur jgħid li, kieku l-Ewwel Qorti fliet sew il-proċess relatat mal-każ 846/2005SM kienet tasal għall-konklużjonijiet oħra minn dawk li waslet għalihom, madankollu dik il-kawża ma għaddiet l-ebda ġudikat fuq il-mertu ta’ din il-kawża stante li dik il-qorti ddeċidiet il-kawża quddiemha fuq il-kwistjoni tal-preskrizzjoni u l-kawża ġiet eventwalment ċeduta fi stadju tal-appell.

Konsegwentement, dak li trid tiddetermina din il-Qorti, stante li tressaq appell, huwa jekk id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Siġurta’ Soċjali wara talba mill-attur, li jirrifjuta l-istess talba abbażi li l-attur ma kienx għadu impjegat tal-Enemalta mal-età tal-irtirar, itteħditx bi ksur tal-liġi.

26. Din il-Qorti fliet kemm it-test tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet bil-lingwa Maltija u kemm bil-lingwa Ingliża u rat is-segwenti kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti:

> "L-attur talab li huwa wkoll jingħata l-pensjoni tat-Teżor iżda t-talba tiegħu ġiet miċħuda. L-attur oġġezzjona għal din iċ-ċaħda. Saħaq li huwa għamel ferm iktar mill-15-il sena servizz meħtieġa mir-Regolament Nru. 16 tar-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet li jinstabu fl-Iskeda tal-Kap 93 biex wieħed ikun intitolat għal pensjoni. It-tweġiba kienet li dan ir-regolament ma jistax jinqara waħdu iżda flimkien mar-Regolament Nru. 8 li jgħid li s-servizz li jintitola l-pensjoni m'għandux ikun ġie mitmum permezz ta' riżenja volontarja. Il-Qorti ssib li din l-interpretazzjoni tal-liġi hija waħda ġusta. Barra minn hekk, il-Qorti tosserva li Art. 7 tal-liġi prinċipali jgħid li l-ebda pensjoni m'għandha tingħata mal-irtirar mis-servizz pubbliku ħlief f'xi waħda mill-każijiet elenkati fl-istess disposizzjoni. Ir-riżenzja volontarja mhix waħda minn dawn il-każijiet. L-interpretazzjoni loġika ta' din id-disposizzjoni twassal għall-konklużjoni li *a contrario sensu* min jirriżenja ma jistax ikun intitolat għall-pensjoni *de quo.* L-Art. 7 jinstab fil-korp prinċipali tal-liġi; ir-regolamenti jinstabu fl-Iskeda li tinstab mal-istess Att. L-Iskeda ma tistax tmur kontra l-Att u dan mhux biss bħala prinċipju kardinali tal-interpretazzjoni tal-liġi imma saħansitra kif jingħad espressament fl-istess Regolamenti. Dan apparti li l-istess Regolamenti (Reg. 8) ukoll jagħmluha ċara li min jirriżenja jitlef id-dritt għall-pensjoni. Anzi, r-Reg. 8 jafferma b'mod pożittiv dak il-liġi prinċipali (Art. 7) tafferma biss b'mod negattiv."

27. Din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li xehdu fuqu d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali Grazio Barbara u s-Segretarju Permanenti Ewlieni, fejn it-tnejn saħqu illi jekk persuna tħalli l-impjieg mas-servizz qabel l-età tal-irtirar, dik il-persuna ma jkollhiex id-dritt ta' pensjoni skont l-istess Ordinanza:

> *"..AV: Fl-esperjenza tiegħek kemm kien hemm persuni lli rrizenjaw fis-servizz mal-gvern u sussegwentament ħadu il-pensjoni tas-servizz skond l-art , skond l-ordinanza dwar il-pensjonijiet .*
>
> ***Xhud: Ħadd*[2]*..*"**

u

[2] Xhieda ta' Grazio Barbara *fol.*94 *et seq.*

*“Dr Jonathan De Maria : Mela ara jekk forsi taf Sur Cutajar, ghal min kien qieghed impjegat ma’ Malta Electricity Board u mbaghad gie assorbit fl-Enemalta dawk hemm minhom li inghataw il-grant u hemm minnhom li jinghataw pensjoni.*

*Xhud :Le ma nafx nghidlek hekk. Jien li nista’ nghidlek hu li dawk il-haddiema li kienu fis-servizz u spiccaw mis-servizz ta’ l-Enemalta, biex niftehmu hekk, u kienu, hadu d-dritt li jkollhom il-pensjoni tat-Tezor ghax jikwalifikaw ghaliha.*

*Dr Jonathan De Maria : U allura minn minnhom li ha l-grant ..*

*Xhud :Ghax ma kienx intitolat ghal pensjoni. Imma mhux irrizenja..*

*Dr Jonathan De Maria : Imma fuq liema bazi hadu l-grant allura?*

***Xhud : Mhux ghax kienu hi rrezenjaw; zgur li mhux ghax kienu irrezenjaw. Ghax kieku ma kienx ikollok dritt ghal grant.***

*Dr Jonathan De Maria : Tista’ tispjega fuq lima bazi hadu l-grant?*
*Xhud : Qed nghidlek mhux ghax kien irrezenjaw zgur. Mhux ghax kienu rrezenjaw.*

*Dr Jonathan De Maria :Allua fuq liema bazi?*

*Xhud :Fuq il-bazi li kienu jikwalifikaw ghal dik l-iskema. Dik tara l-iskema u tara kif dahlu ghaliha hu!*[3]

28. Din il-Qorti tibda billi tosserva illi l-President ta’ Malta għandu rwol pjuttost ċentrali fl-Ordinanza. Madankollu mill-atti miġjuba quddiem din il-Qorti jidher li fil-prattika d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali jiġġestixxi wkoll materji relatati mal-istess Ordinanza.

29. Din il-Qorti rat id-definizzjoni ta’ uffiċjal, f’Artikolu 2 tal-Ordinanza:

*“"uffiċjal" ifisser persuna effettivament maħtura għal kariga li għaliha tista’ taħt din l-Ordinanza tingħata pensjoni jew allowance <u>meta tispiċċa mis-servizz.</u>*

*<u>Fil-każ li tinqala’ kwistjoni jew kontroversja dwar jekk persuna għandhiex titqies bħala uffiċjal għall-finijiet ta’ din l- Ordinanza jew ta’ regolamenti magħmulin taħtha d-deċiżjoni tal- President ta’ Malta hija</u>*

[3] Xhieda ta’ Mario Cutajar *fol.*147 *et seq.*

*finali;"*

Tosserva illi f'dan il-każ ma jidhirx li hemm xi kontroversja fuq l-irwol li kellu l-attur, u b'hekk din il-Qorti tifhem li ma kellux l-għaliex jirrikorri għall-President ta' Malta. Osservazzjoni oħra pjuttost relevanti għall-każ odjern huwa li d-definizzjoni ta' uffiċjal tutilizża l-frażi "meta tispiċċa mis-servizz".

30. Din il-Qorti tosserva li l-Ordinanza ma tikkomprendix xi artikolu jew regolament li d-diċitura tiegħu tgħid speċifikament li persuna hija eliġibbli biss jekk tkun irtirat mill-kariga tagħha waqt li tkun għadha qed taħdem mas-servizz. Madankollu din il-Qorti qieset diversi artikoli u regolamenti li fil-fehma ta' din il-Qorti jirriflettu dak li kien l-intendiment tal-leġiżlatur.

31. Il-Qorti b'referenza għall-Artikolu 7 tal-Ordinanza, tqis li mill-atti mressqa quddiemha, l-attur ma jaqa' fl-ebda mis-subinċiżi tal-Artikolu 7, li jindika meta persuna hija eliġibbli għall-pensjoni:

> *"7. (1) Ebda pensjoni, gratifikazzjoni jew allowance oħra ma tingħata lil ebda uffiċjal ħlief meta jirtira mis-servizz pubbliku f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:*
>
> *(a) (i) meta jew wara li jagħlaq l-età ta sittin sena, jew*
>
> *(ii) fil-każ ta' uffiċjal b'servizz ieħor pubbliku, meta jew wara li jagħlaq l-età ta' ħamsa u ħamsin sena, jew*
>
> *(iii) fil-każ ta' uffiċjal tas-servizzi korrettivi jew membru bħala uffiċjal tas-servizzi korrettivi jew fil-korp tal-Pulizija, meta jew wara li jagħlaq letà ta' ħamsa u ħamsin sena jew, jekk ikun għalaq ħamsa u għoxrin sena servizz fil-Korp tal-Pulizija, jew*
>
> *(iv) f'każijiet speċjali, bl-approvazzjoni tal- President ta' Malta, meta jew wara li jagħlaq ħamsin sena;*

*(b) fil-każ ta' trasferiment f'servizz ieħor pubbliku, meta jew wara li jagħlaq l-età' li fiha uffiċjal jista', skont illiġi jew ir-regolamenti tas-servizz li fih kien l-aħħar impjegat, jirtira bil-pensjoni jew bi gratifikazzjoni;*

*(ċ) meta titneħħa l-kariga tiegħu;*

*(d) meta jiġi rtirat bil-fors ħalli jagħti lok li ssir aħjar lorganizzazzjoni tad-dipartiment li hu jagħmel miegħu, biex b'hekk ikun hemm effiċjenza u ekonomija akbar;*

*(e) fuq prova medika ta' sodisfazzjon tal-President ta' Malta illi huwa mhux kapaċi minħabba mard tal-moħħ jew tal-ġisem li jesegwixxi d-dmirijiet tal-kariga tiegħu u li din il-marda aktarx hija permanenti;*

*(f) fil-każ ta' tmiem ta' impieg fl-interess pubbliku kif maħsub f'din l-Ordinanza;*

*(g) min jitlaq mill-uffiċċju tiegħu, u fis-servizz ta' Malta bl-approvazzjoni tal-Gvern sabiex jieħu mpieg f'post tal-ħin kollu fl-Università ta' Malta:*

*Iżda dak l-uffiċjal ma tkunx tistħoqqlu ebda pensjoni jew gratifikazzjoni bis-saħħa tax-xogħol li jkun għamel fis-servizz ta' Malta ħlief mid-data li fiha jilħaq l-età li fiha huwa jista', skont il-liġi jew l-istatut jew ir-regolamenti tal-Università ta' Malta, jirtira bil-pensjoni jew mingħajr pensjoni:*

*Iżda wkoll meta uffiċjal ikun telaq mill-uffiċċju tiegħu fis-servizz ta' Malta wara 31 ta'Diċembru, 1978 sabiex jieħu impieg mal- Università ta' Malta, is-servizz mal-Università ta' Malta għandu jitqies bħala servizz mal-Gvern:*

*Iżda wkoll meta dak l-uffiċjal jirtira mis-servizz tal-Università ta' Malta qabel ma jagħlaq il-għomor ta' sittin sena għal xi raġuni minn dawk li hemm fil-paragrafi (ċ), (d), (e) u (f), il- President ta' Malta jkun jista' jawtorizza l-għoti ta' pensjoni mid-data li fiha dak l-uffiċjal tabilħaqq jirtira."*

32. Il-Qorti fliet dak miktub fl-Artikolu 8 u tinnota illi huwa minnu li meta jittieħed in konsiderazzjoni ż-żmien fis-servizz li jwassal għall-pensjoni jew gratifikazzjoni, u li ma jkunx maqtugħ ħlief għall-raġunijiet speċifiċi, jeskludi irtir volontarju minn dawk ir-raġunijiet:

"*<u>Is-servizz li għalih tista' tingħata pensjoni jew gratifikazzjoni m'għandux ikun maqtugħ, ħlief fil-każijiet li fihom is-servizz ikun ġie maqtugħ minħabba li tneħħiet il-kariga jew ġie sospiż għal xi żmien l-impieg, u mhux minħabba imġieba ħażina jew irtir volontarju mill-impieg:</u>*

*Iżda, iż-żmien ta' servizz qabel ma s-servizz ikun ġie maqtugħ jista' jiġi kkalkolat għall-pensjoni, flimkien maż-żmien tas-servizz wara li dan ikun ġie maqtugħ -*

*(a) jekk iż-żmien kollu ta' bejn servizz u ieħor l-uffiċjal ikun għaddih f'impieg ieħor fis-servizz tar- Repubblika; jew*

*(b) jekk il-qtugħ tas-servizz ikun minħabba temm tas-servizz taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrjali, u kull kumpens li għandu jitħallas skont dawk id-disposizzjonijiet ikun jew ġie rinunzjat jew tħallas lura qabel ma jibda s-servizz wara l-qtugħ, u jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hekk tirrakkomanda fl-interess pubbliku; jew*

*(ċ) fil-każ ta' uffiċjal li, wara li jkun irriżenja mis-servizz, sussegwentement jissejjaħ lura fl-interess tas-servizz minħabba l-interess pubbliku, u dik is-sejħa lura tkun hekk ċertifikata mill-Prim Ministru.*"

33. Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-subinċiż 2 tar-regolament 10 tal-Iskeda li jagħmel referenza għar-regolament 16:

"*(2) Jekk perijodu ta' servizz f'kariga ċivili li għaliha <u>meta wieħed jirtira mis-servizz tista'tingħata pensjoni taħt ir-regolament 16</u>, ikollu minnufih warajh servizz f'kariga pensjonabbli, dan il-perijodu jista' jingħadd*"

Hawn jidher li persuna tkun eliġibbli għall-dik il-pensjoni skont ir-regolament 16 meta dil-persuna "tirtira mis-servizz".

Konsegwentement, din il-Qorti tqis li l-Artikolu 16 flimkien mal-kumplament tal-Ordinanza, ma għandux ifisser li persuna tingħata

pensjoni jew gratifikazzjoni minħabba xi ammont ta' snin li tkun għamlet fis-servizz iżda jfisser li meta persuna li jkun irtira minn mas-servizz, iżda ma jkunx għamel ammont ta' snin skont kif indikat, jitqies li xorta jieħu xi tip ta' pensjoni jew gratifikazzjoni:

> "*16. Jekk impjegat ma jkunx ikkwalifikat għal pensjoni jew gratifikazzjoni taħt ir-regolament 2, iżda jkun serva f'Malta għal żmien kontinwu ta' ħmistax-il sena jew iżjed, tingħata pensjoni ta' meta wieħed jirtira jew pensjoni mnaqqsa u gratifikazzjoni taħt listess ċirkostanzi, bl-istess rata u suġġetta għall-istess limiti bħal dik il-pensjoni li kien ikun eliġibbli għaliha li kieku kien impjegat f'kariga pensjonabbli.*"

34. Jekk wieħed iqis ir-regolament 14, anke jekk mhux applikabbli fl-isfond tal-fattispecie ta' dan il-każ, jiġi mifhum li dak li ried il-leġiżlatur kien li jagħti pensjoni lil dawk il-persuni li jirtiraw għal raġuni speċifika indikata fl-istess artikolu.

> "*14. (1) Meta uffiċjal tiġrilu ħsara permanenti fil-persuna -*
>
> *(a) fil-waqt li jkun qiegħed jagħmel ix-xogħol tiegħu; u*
>
> *(b) mingħajr ħtija tiegħu; u*
>
> *(ċ) minħabba ħsara li tagħha tkun speċifikatament kaġun ix-xorta tax-xogħol tiegħu, jew bħala riżultat ta'għemil tal-għadu jew ta' lqigħ mill-għadu,*
>
> *<u>u b'hekk l-irtir tiegħu mis-servizz isir meħtieġ jew ikollu jsir wisq qabel iż-żmien li jmiss,</u> jekk hu jkun ikkwalifikat għal pensjoni taħt ir-regolament 2, lilu tingħata, b'żieda tal-pensjoni mogħtija lilu taħt dan ir-regolament,*"

35. Meħud dan kollu in konsiderazzjoni, din il-Qorti tinsab fi qbil mal-Ewwel Qorti fir-rigward ta' jekk persuna li tkun telqet mis-servizz tkunx eliġibbli għall-pensjoni. Minn qari komplessiv tal-Att u mhux biss tal-

Artikolu 7 u r-regolamenti 8 u 16 iżda anke artikoli u regolamenti oħra bħar-regolament 14, jidher li l-intenzjoni tal-leġiżlatur kienet li jekk wieħed jitlaq mill-impjieg tiegħu mas-servizz b'mod volontarju qabel l-età tal-irtirar, dan ma jkunx eliġibbli għall-pensjoni tas-servizz (salv għal sitwazzjonijiet speċifiċi msemmija fl-Ordinanza).

36. Dan jidher li huwa l-prinċipju li bih jaħdem il-Gvern u dan anke mix-xhieda surreferita ta' persuni li jiġġestixxu mhux biss is-servizz pubbliku iżda materji ta' sigurtà soċjali bħall-pensjoni. Issir referenza għall-ittra mibgħuta mis-Segretarju Permanenti Ewlieni lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Soċjali, datata April 2017 (*fol 70.)* permezz ta' liema ġie kkomunikat illi *ex* impjegati tal-Malta Electricity Board, li fl-1987 kien ġew trasferiti, b'mod retroattiv mal-Enemalta, ġew intitolati li jirċievu *ex gratia* pensjoni tat-Teżor u dan wara li l-Prim Ministru approva rakomandazzjoni li tiġi implementata deċiżjoni tal-Kabinett tal-1970 fejn ingħad: "*I would like to inform you that the Prime Minister has approved the recommendation that for the purpose of implementing this Decision, the former employees if the Malta Electricity Board be considered as detailed public emloyees and given the right ex gration to a Treasury pension under the Pensions Ordinance (CAP 93) <u>as from the date of respective retirement. (emfażi miżjuda).</u>*

37. Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali Grazio Barbara xehed ukoll:

"*Xhud: L-instruzzjonijiet kienu mingħand is-Segretarju Permanenti s-Sur Mark Musu' li minn naħa tiegħu kellu l-instruzzjonijiet tas-Sur Mario Cutajar minn Principal Permanent Secretary .*

*Av: U x' kienu dawk l-instruzzjonijiet jekk joġgħbok?*

*Xhud: L-instruzzjonijiet kienu biex min kien ex MEB employees , hmm ikunu mogħtija pensjoni tas-servizz , għax kien hemm deċizzjoni in-1970 tal-kabinett li baqgħet qatt ma kienet attwata .*

*Av: Ok, mela għal dak li għandu x'jaqsam mal-Sur Joseph Mizzi , meta għamel it-talba tiegħu għal pensjoni tas–servizz, inti tista' tispjega x' verifiki għamilt fir-rigward tiegħu u x'ikkostatajt ?*

***Xhud: Jiena li rajt kien meta kien jaħdem mal – Malta Electricity Board u meta, meta spiċċa u rrizulta li ma spiċċax bl-eta tal-pensjoni minn mal-eh Enemalta għax umbgħad kienet ġiet assorbita mil-Malta assorbit il-Malta Electricity Board .***

*Av: U mela l-istruzzjonijiet li inti kellek li wasslu mingħand is-Sur Mario Cutajar b'mod indirett kienu biex jingħataw il-pensjonijiet skond il-pension orderance hux hekk?*

***Xhud: Hekk hu*** *.*[4]"

38. Konsegwentement hija l-fehma ta' din il-Qorti li stante li l-attur telaq mis-servizz qabel l-età tal-irtirar tiegħu huwa ma jibbenefikax mill-pensjoni tas-servizz u konsegwentement l-aġir tad-Direttur Ġenerali (Sigurta' Soċjali) ma kienx *ultra vires.*

39. Din il-Qorti qiegħda b'hekk tiċħad ukoll dan l-aggravju.

***It-Tielet Aggravju***

40. Fir-rigward tat-tielet aggravju jingħad illi tenut kont illi ż-żewġ

[4] Xhieda ta' Grazio Barbara *fol.*94 *et seq.*

aggravji preċedenti ġew miċħuda dan l-aggravju ser jiġi miċħud ukoll.

**Deċide**

41. Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-Sentenza tal-Ewwel Qorti. Spejjeż kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr